MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 695/2002

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu il-bank attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u disghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2,290.61,0) bilanc ghad-debitu fil-"loan account" ta' Mario Scicluna mal-Bank of Valletta p.l.c., (Dok "A1" sa "A3"), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, tas-sena 2002 sal-jum tal-pagament effettiv;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 31 ta' Lulju, tas-sena 2002 (Dok. "B") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prpezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-bank attur fuq indikat datata s-16 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha nforma lill-qorti li kien qieghed jirriduci l-pretensjoni tieghu fuq indikata ghas-somma ta' elfejn mitejn u hamsa u sebghin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu, (Lm2,275.68,0), flimkien ma' l-imghax lilhu dovut skond il-ligi mill-1 t'Ottubru tas-sena 2002 sal-jum ta' l-effettiv pagament, u dan stante depoziti fil-mori tal-kawza;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lill-konvenut Mario Scicluna bil-gurament li kkonferma l-ammont minnhu dovut lill-bank attur skond kif ridott fin-nota fuq indikata;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici kif emendati u konsegwentement:**

**1. Tikkundanna lill-konvenut Mario Scicluna biex ihallas lill-bank attur Bank of Valletta p.l.c. l-ammont ta' elfejn, mitejn u hamsa u sebghin Liri Maltin, u tmienja u sittin centezmu, (Lm2,275.68,0), kif fuq dedotti;**

**2. Tikkundanna wkoll lill-istess konvenut biex in konsegwenza tas-suespost ihallas l-ispejjez kollha ta' din il-procedura inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-31 ta' Lulju tas-sena 2002; tal-mandat indikat fl-istess avviz u ta' l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------